MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2005

Numru 783/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Agius**
v

**ALFRED DIMECH**
**DAVID DIMECH**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **ALFRED DIMECH** ta' tmienja w erbghin sena bin Carmel u Carmela nee Cassar, imwieled Pieta nhar s-sitta ta' Novembru 1955 u residenti 53, Triq San Frangisk, Hal Tarxien, detentur tal-karta tal-identita` numru 772355M u **DAVID DIMECH** ta' wiehed u ghoxrin sena bin Alfred u Mary Rose nee Cauchi, imwieled Pieta nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Marzu 1983 u residenti 53, Triq

San Frangisk, Hal Tarxien, detentur tal-karta tal-identita` numru 199183M gew mressqa quddiemha akkuzati:

1. Talli nhar l-ewwel ta' Frar 2004, waqt incident tat-traffiku bejn vettura bin-numru ta' registrazzjoni EAL 575 u vettura ohra bin-numru ta' registrazzjoni JAC 495 fi Triq tal-Barrani, Zejtun, ghall-habta tal-hdax w ghaxra ta' bil-lejl sabiex jippruvaw jiksbu xi vantaggi jew beneficcji ghalihom nfushom jew ghal haddiehor, f'xi dokumenti mahsuba ghal xi awtorita pubblika, xjenetment ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew taw taghrif falz u xjentement ghamlu uzu minn dokument iehor iffalsifikat mhux imsemmija fl-artikolu ta' qabel ta'dan t-titolu;

2. Talli fl-istess cirkostanzi b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqdew b’qerq iehor, ingann jew billi wrew haga b’ohra sabiex igieghelu titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika sabiex jghamlu qliegh b’qerq bi hsara ta' haddiehor;

3. Talli fl-istess cirkostanzi bi hsara ta' haddiehor ippruvaw jghamlu qliegh iehor b'qerq mhux imsemmi fl-artikolu ta' qabel ta' dan is-sub titolu u dan b'detriment ta' GasanMamo Insurance u dan il-hsieb urewh b'att esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt u li dan ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta taghhom.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat ghoxrin ta' Settembru 2004 esibit fl-atti a fol 11 markata bhala dokument CSH 4 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li fl-ezami li sar tal-imputati nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Ottubru 2004 ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-imputati wiegbu li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lil partijiet jittrattaw l-kawza fis-seduta tas-sebgha w ghoxrin ta' April 2005.

Ikkunsidrat:

Illi **nhar l-hamsa w ghoxrin ta' April 2004 xehed PS 1386 Anthony Agius** [fol 15] li qal li nhar l-ewwel ta' Frar 2004 ghall-habt tal-hdax u ghaxra ta' bil-lejl kienet sehhet kollizzjoni fi Triq tal-Barrani fiz-Zejtun bejn vettura bin-numru ta' registrazzjoni EAL 575 misjuqa minn Etienne Galea u vettura ohra bin-numru ta' registrazzjoni EAC 495 misjuqa allegatament minn Alfred Dimech. Qal li hu mar fuq il-lok tal-incident biex jaghmel l-investigazzjoni tieghu fejn sab herba shiha tant li l-arblu nqala minn postu u kien hemm xi nies mweggha. Qal li fuq il-post hu tkellem ma Etienne Galea li kien d-driver tal-vettura Ford Capri u dan kien allegat indikalu li l-vettura in kwistjoni kienet misjuqa minn David Dimech. Qal li David Dimech inzerta wkoll fuq il-post, ftit boghod minn fejn sehh l-incident <u>u meta kellmu dan qallu li ma kienx hu s-sewwieq tal-vettura u li kien qed isuqha missieru Alfred Dimech</u>. Ix-xhud gharaf liz-zewg imputati presenti fl-awla. Zied jghid li Alfred Dimech kien ftit boghod u jekk mhux sejjer zball kien fil-vettura tal-ghamla Mercedes. <u>Qal li dakinhar hu insista ma David Dimech jekk verament kienx hu li kien qed isuq il-vettura in kwistjoni u dan baqa jinsisti mieghu li ma kienx hu li kien qed isuqha, izda missieru Alfred</u>. Qal li dak l-hin hu ra wkoll d-driver u passiggiera tal-vettura li kienu mwegga' u kienu sejrin l-isptar u hadilhom l-istqarrija u wara mar wkoll l-isptar u ghal darb'ohra tkellem ma Etienne Galea biex jivverifika fiz-zgur minn effettivament kien qed isuq il-karozza li habtet fih, izda Etienne Galea baqa jinsisti li kien David Dimech li kien qed isuqha.

Qal li ftit tal-granet wara rega' baghat ghal Etienne Galea pero xorta wahda dan baqa jinisisti li kien David Dimech li kien qed isuq il-vettura dakinhar tal-incident. Ix-xhud zied jghid li hu tkellem ma Alfred Balzia li kien passiggier ma Etienne Galea u tah l-istess versjoni li l-vettura kienet qed tigi misjuqa minn David Dimech. Qal li tkellem wkoll ma

Paul Mangion li wkoll kien passiggier ma Etienne Galea u tah l-istess versjoni li l-vettura kienet qed tigi misjuqa minn David Dimech. Huwa esibixxa l-okkorrenza relattiva mehuda minnu li giet mmarkata bhala dokument PS [fol 18]. Kompla jispjega u jghid li waqt l-investigazzjoni kondotta minnu rrizultalu li kien David Dimech li kien qed isuq il-vettura waqt l-kollizzjoni in kwistjoni u li fil-fatt missieru Alfred kien wasal fuq il-post tal-incident wara li kien sehh l-incident u dn b'vettura ohra li effettivament hu stess kien sabu fiha. Qal li meta staqsa lil Etienne Galea kif sar jaf li kien David li kien qed isuq dan wiegbu li mal-habta kollha hargu mill-karozza u ra lil David Dimech hiereg minnha u ra lil missieru Alfred jasal aktar tard.

Mistoqsi kif kienet il-kundizzjoni ta' Etienne Galea meta kellmu ix-xhud stqarr li setgha jikkomunika mieghu u kien tah spjiegazzjoni kif kien sehh l-incident meta kellmu l-isptar. Ix-xhud zied jghid li meta hu tkellem ma David Dimech, missieru Alfred kien hamsin metru boghod minnu. Mistoqsi fejn kienu l-passiggieri rekbin ma Etienne Galea, x-xhud wiegeb li Paul Mangion kien quddiem u Frederick Balzia fuq wara. Qal li Paul Mangion u Frederick Balzia kienu tawh l-versjoni kif sehh l-incident l-Ghassa. Qal li Paul Mangion kellu hafna feriti u li ma kienx kellmu waqt li kien l-isptar u lanqas dakinhar tal-incident, izda wara xi granet. Mistoqsi fejn kien tkellem ma Frederick Balzia ix-xhud wiegeb li aktarx li kien kellmu l-Ghassa u dn wkoll f'xi granet wara li kien sehh l-incident. Qal li hu kien baghat ghalih biex ikun jaf minn kien is-sewwieq tal-vettura l-ohra u sabiex isir jaf d-dinamika tal-incident. Qal li dan sar anke fil-konfront ta' Paul Mangion. Mistoqsi jekk kellux miktub fl-okkorrenza il-gurnata meta hu baghat ghal Paul Mangion u Frederick Balzia ix-xhud wiegeb fin-negattiv. <u>Qal li Alfred Dimech kien ikkonfermalu li kien hu li kien qed isuq il-vettura meta sehh l-incident</u>.

Illi **nhar d-dsatax ta' Jannar 2005 xehed Doctor Clifford Caruana** [fol 30] li qal li nhar l-ewwel ta' Frar 2004 hu kien t-tabib fid-Dipartiment tal-Emergenza fl-isptar San Luqa. Qal li hu ezamina lil Etienne Galea nhar t-tnejn ta' Frar 2004 f'nofs il-lejl u hamsa ta' filghodu. Qal li dan kellu

barxa fuq rasu u brix iehor fuq il-minkeb tax-xellug li huwa ddeskriva bhala feriti ta' natura hafifa. Qal li l-brix li kellu fuq idejh setghu gew kagjonati b'daqqiet ta' hgieg u li setgha kien hemm habta. Qal li dainhar stess hu esamina lil Paul Mangion fl-istess Dipartiment tal-Emergenza fejn sab li dan kien qed isofri min ugiegh f'dahru li setgha kien gej mill-kilwa u ghalhekk kien ordna li jsirlu ultrasound tad-dahar. Ix-xhud zied jghid li pero ma kellux rizultat tal-ultrasound u li haseb li l-ugiegh kien gej mill-kilwa peress li fl-awrina tieghu kien hemm xi demm.

Illi **nhar d-dsatax ta' Jannar 2005 xehed Frederick Balzia** [fol 35] li qal, wara li giet moghtija lilu t-tifsira ta' gurament peress li hu m'ghandux tmintax il-sena, spjiega li hu kien riekeb ma Etienne Galea li kien is-sewwieq u hu kien bil-qeghda fuq wara. Qal li quddiem kien hemm Paul Mangion u li kienu gejjin minn B'Bugia sejrin fid-direzzjoni ta' Hal Tarxien. Qal li kif kienu ghaddejjin hassew daqqa fuq wara u l-Capri li kienu fiha daret u spiccat go arblu. Qal li hargu mill-karozza u kien hemm xi nies madwarhom li tefghuh fuq cint sakemm giet l-ambulanza. Qal li z-zewg imputati kienu presenti u li fl-ebda hin ma messewh jew kellmuh. <u>Mistoqsi liema wiehed mill-imputati kien qed isuq ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf</u>. Qal li d-daqqa qalghuha fuq in-naha ta' wara tat-tank tal-petrol fuq il-lemin. Mistoqsi xi speed kienu ghaddejjin bih, ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf, pero zied jghid li kien speed normali. Qal li kienu ghaddejjin fuq il-karreggjata ta' barra. Mistoqsi jekk qalbux il-karreggjata minn naha ghal ohra ix-xhud wiegeb fin-negattiv. Mistoqsi x'laqtu x-xhud wiegeb li kienet karozza.

Illi **nhar d-dsatax ta' Jannar 2005 xehed Paul Mangion** [fol 37] li qal li dakinhar tal-incident hu kien riekeb f'karozza Capri li kienet qed tigi misjuqa minn Etienne Galea u hu kien ma gembu fuq quddiem. Qal li fuq wara kien hemm Frederick Balzia. Qal li huma kienu gejjin minn B'Bugia ghal Hal Tarxien u kienu ghaddejjin minn naha ta' gewwa, n-naha tal-hajt. Qal li hassew xi hadd jimbutthom speci ta' daqqa u hassew il-karozza ddur minn wara u mitfugha go arblu jigifieri d-daqqa haduha fuq n-naha tax-xellug. <u>Mistoqsi minn laqathom ix-xhud ma kienx f'posizzjoni jghid pero jaf li kien hemm vettura</u>

<u>Mazda hamra. Mistoqsi jekk kienx hemm xi hadd fl-awla li setgha kien presenti waqt l-incident, x-xhud wiegeb fin-negattiv</u>. Qal li rizultat ta' dan l-incident hu kellu griehi f'daru u xi tbengil go zaqqu u li kien ghamel gimgha l-isptar. Qal li hu ma kien qed jippretendi xejn. Mistoqsi jekk f'xi hin huma qalbux fuq in-naha ta' gewwa ghal fuq in-naha ta' barra, ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf. Qal li d-daqqa li qalghu fuq in-naha ta' wara giet kagjonata minn karozza hamra, <u>pero minn kien qed isuqha ix-xhud ma kienx jaf u ma kellux idea</u>. Mistoqsi jekk qalbux fuq il-karreggjata ta' barra ix-xhud wiegeb fin-negattiv. Qal li lanqas biss induna li kienu nqalbu u nduna biss meta hargu mill-karozza. Qal li l-vettura nqalbet wara li laqtu l-arblu. Qal li mill-vettura hu hareg meta kienet ghadha maqluba. <u>Qal li wara li kien hareg mill-isptar mar jkellem lis-Surgent li staqsih minn kien qed isuq, pero hu kien qallu li ma kienx jaf min kien qed isuq il-vettura l-ohra</u>.

Illi **nhar d-dsatax ta' Jannar 2005 xehed Etienne Galea** [fol 39] li qal li hu kien qed isuq vettura tal-ghamla Ford Capri sejjer fid-direzzjoni minn B'Bugia lejn Hal Tarxien. Qal li mieghu fil-vettura kien hemm Paul Mangion u fuq wara kien hemm Frederick Balzia. Qal li xi hin waqt li kienu ghaddejjin gew milquta minn karozza ohra li hadithom fuq il-parti ta' wara fuq in-naha tax-xellug. Qal li huma kienu fuq in-naha ta' gewwa tat-triq sejrin lejn Hal Tarxien. Qal li d-daqqa tal-gemb kienet zghira. Qal li huma daru u hadu daqqa ohra fil-bieb u spiccaw fuq l-arblu u meta laqtu l-arblu, inqalbu bil-vettura. <u>Ix-xhud ma kienx f'posizzjoni jaghraf l-persuna li kienet fil-karozza li tathom d-daqqa</u>. Qal li hu kellu daqqa f'rasu, Frederick Balzia kellu daqqa filwaqt li Paul Mangion kien mitfugh mal-art. Mistoqsi jekk is-Surgent baghtx ghalih wara l-incident wiegeb li iva u meta mar kien staqsih min kien x-xufier tal-karozza li dahlet fihom u hu kien irrispondih li kien speci ta' guvni. <u>Meta x-xhud hares mal-awla kollha qal li ma kienx qed jaghraf lil persuna li kienet dahlet fihom</u>. Qal li nuccali hu ma jilbisx. Mistoqsi xi speed kienu ghaddejjin bih dakinhar tal-incident ix-xhud qal li kien speed normali xi erbghin mil fis-siegha, pero qal li fil-liwja naqqas naqra. Mistoqsi jekk xi hin ersaqx lejn il-lane ta' barra ix-xhud wiegeb fin-negattiv. Qal li bejnu u bejn c-

central strip fuq il-lemin kienet tghaddi vettura. Qal li l-karozza mad-daqqa, daret. Qal li t-tieni daqqa qalghuha fuq in-nofs in-naha tax-xufier. Ix-xhud zied jghid li wara l-incident huma hargu mill-vettura u damu ma hargu ghaliex t-tlieta li kienu hargu mit-tieqa z-zghira b'diffikulta kbira. Mistoqsi jekk lis-Surgent kienx indikalu min kien ix-xufier ix-xhud wiegeb li ma kienx cert jekk ghamilx hekk dakinhar. Ix-xhud temm jghid li ai finijiet ta' din il-kawza hu m'ghandu xejn kontra z-zewg imputati.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti thoss li ghandha tfakkar hawnhekk li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak l-frad li ma jhalli ebda dubbju dettatat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt l-Qorti taghmel referenza ghal dak li qal **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pensions*** - 1974-2 ALL-ER 372 tal-espressjoni **'***proof beyond a reasonable doubt***.'**

"*Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the standard of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence ' of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt but nothing shall of that will suffice.*"

Ma hemmx dubbju li kif jghid l-awtur taljan Manzini fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** vol III, Kap IV, pagna 234, edizzjoni 1890:
*"Il cosi detto onero della prova cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui asserit*."

Illi ghalhekk il-Qorti fliet bir-reqqa l-process kollu u rat li dak li qal is-Surgent tal-Pulizija u cioe dwar dak li gie allegat w intqal a tempo vergine tal-investigazzjoni ma jsibx konfort f'dak li qalu l-istess xhieda waqt li kienu fuq il-pedana tax-xhieda l-Qorti. Hadd mix-xhieda okulari tal-incident m'gharaf lil xi wiehed mill-imputati bhala s-sewwieq tal-vettura li kienet involuta fl-incident awtomobilistiku li sehh nhar l-ewwel ta' Frar 2004 bejn vettura bin-numru ta' registrazzjoni EAL 575 u vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAC 495 fi Triq tal-Barrani, Zejtun. Is-Surgent ma kienx fuq il-post tal-incident meta sehh, u zgur ghalhekk li mhux xhud okulari u dak li qal, kien biss dak li rrizultatlu waqt l-investigazzjoni. Dak li terzi qalulu ma jikkostitwix prova ghaliex tammonta biss ghal *detto del detto*. Huwa biss dak li jghidu l-imputati a tempo vergine tal-investigazzjoni li ghandu relevanza fil-proceduri kriminali ghaliex jikkostitwixxu *res gestae*.

Issa jirrizulta fic-cert li David Dimech, a tempo vergine tal-investigazzjoni, qal lis-Surgent li ma kienx hu li kien qed isuq izda li kien missieru Alfred, li minn naha tieghu wkoll; ammetta mas-Surgent li kien hu bil-vettrura.

Illi din t-tezi ma giet kontradetta mill-ebda xhud tal-Prosekuzzjoni waqt li kienu fil-pedana tax-xhud.

Ma hemmx dubbju ghalhekk fid-dawl tas-suespost l-akkuzi ma jirrizultawx ppruvati.

Ghalhekk **il-Qorti,** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 188, 189, 308, 309 u l-artikolu 41(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddecidi li ma ssibx liz-zewg imputati ALFRED DIMECH u DAVID DIMECH hatja tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront taghhom u tilliberhom minn kull imputazzjoni u htija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------